MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2009

Numru. 868/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**MELVIN MAGRO ta' 23 sena bin Paul Magro u Grace Galea, imwieled nhar is-26 ta' Dicembru 1984 fil-Pieta', detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 42085(M) u joqghod Ideal, Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Melvin Magro li gie akkuzat:

1. talli nhar il-21 ta' Lulju 2008 ghal habta tat-8:30p.m. gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra iddenunzjajt lill-

Pulizija Ezekuttiva reat li kont taf li ma sarx, inkella bil-qerq hloqt it-tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sehh;

2. talli wkoll nhar il-21 ta' Lulju 2008 hgal habta tas-6:15p.m. gewwa Triq il-Marfa l/o Mellieha b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkagjonajt hsara involontarja fuq ix-xarabank bin-numru EBY538 ghad-dannu ta' Grazio Borg u Joseph Bartolo;

3. talli wkoll nhar il- 21 ta' Lulju 2008 ghal habta tas-6:15p.m. gewwa Triq il-Marfa l/o Mellieha soqt il-vettura CAA591 ta' ghamla Opel Corsa b'mod traskurat, bla kont u perikoluz;

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex tissospendi l-licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien li jidhrilha xieraq skond il-ligi u kif ukoll sabiex tordna il-konfiska tal-vettura CAA591 ta' ghamla Opel Corsa bhala parti ormanti mill-corpus delicti

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex titratta mal-imputat bhala li huwa recidiv ai termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li l-imputat gie ikkundannat li ikkometta diversi reati liema sentenzi saru definittivi mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali ta'l-10 ta' Settembru 2008 sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzata fl-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu bl-akkuza tal-hekk imsejjha "falza

denunzja" jew il-holqien ta' reat u cioe' bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz ta'l-Ordinanza IX ta'l-1911 u giet imfassla fil-maggior parti taghha fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan u cioe' l-hekk imsejjah Codice Zanardelli ta'l-1889. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi ighid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:

***"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. … This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged ….***

***The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. … Finally the <u>denunciation must be made without specifying the supposed offender</u>; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation."***

F'sentenza moghtija mil-Qorti ta'l-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Mizzi (16/02/1998) gie deciz:;

***" Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjonui verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."***

Illi mill-provi mismugha quddiem il-Qorti li jikkonsistu essenzjalment fix-xhieda ta' certu Joseph Bartolo li kien involut fil-kollizzjoni u ta' PS935 Patrick Cassar li mieghu l-imputat ghamel ir-rapport, jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-imputat Melvin Magro kien involut f'kollizzjoni ma' xarabank misjuqa minn Joseph Bartolo fil-21 ta' Lulju 2008. Dana johrog kemm mix-xhieda ta' Bartolo stess[1] kif ukoll mill-hsarat li jidhru fuq il-vettura CAA591[2], liema hsarat huma kompatibbli mad-dinamika ta'l-incident kif esposti minn Bartolo fix-xhieda tieghu. Illi inoltre ghalkemm fiz-zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat, huwa jinnega illi kien involut f'xi kollizzjoni[3], madanakollu fis-sottomissjonijiet finali maghmula mid-difensur ta'l-imputat irrizulta illi dana il-fatt kien qed jigi ammess. Ghaldaqstant bhala fatt huwa stabbilit illi kollizzjoni kienet sehhet, il-vettura involuta kienet il-vettura CAA591 kif rapportat minn Bartolo u il-persuna li kienet involuta fil-kollizzjoni kien proprju l-imputat. Fil-fatt Joseph Bartolo jgharaf lill-imputat kemm fl-ghassa tal-pulizija tal-Qawra meta huwa mar sabiex jaghmel ir-rapport tal-kollizzjoni, kif ukoll fl-awla quddiem il-Qorti meta kien qed jaghti x-xhieda tieghu bil-gurament. Bartolo isostni illi wara li sehhet il-habta huwa nizel mix-xarabank li kien qed isuq u mar ikellem lill-imputat sabiex jara kienx gralu xi haga. Hekk kif kien ser icempel lill-warden sabiex jaccedi fuq il-post ta'l-incident l-imputat dahal fil-vettura u harab minn fuq il-post. Bartolo

---

[1] Xhieda ta' Joseph Bartolo a fol.20 et.seq.
[2] Ara Dokument AF a fol.53
[3] Ara Dokument EC1 u EC2 a ols. 14 u 18

igharaf ukoll lill-imputat minn xi tattoos illi ighid li ra fuq id l-imputat, liema fatt kien gie ukoll ikkonfermat mis-surgent Cassar li talab lill-imputat jurih dawn it-tatoos fl-ghassa tal-pulizija.

Izda wara dana kollu x'jaghmel l-imputat. Jitlaq il-vettura tieghu fil-by pass tal-Mellieha vicin il-pompa tal-petrol u imur jaghmel rapport l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra li insterqitlu il-vettura waqt illi huwa kien qieghed ghax-xalata gewwa l-Gharmier. Ighid illi kien xurban u ma jafx x'kien qieghed jigri. Ighid illi ipparkja il-vettura tieghu u sakkarha u meta mar lura ghaliha ma sabhix u ghalhekk nizel jaghmel rapport li insterqitlu. Ghalkemm ighid li jisusspetta f'xi hadd minn shabu madanakollu ma huwiex f'psoizzjoni ighid x'jisimhom dawn in-nies. Meta tinstab dina l-vettrua l-ghada fil-ghodu, kumbinazzjoni mill-imputat stess u missieru, l-vettura ma fiha l-ebda sinjali ta' zgass, u l-ebda haga ma hija nieqsa minnha. Ghalkemm l-imputat isostni mal-pulizija li hadulu ic-cwievet tal-karozza madanakollu meta tinstab il-vettura, cwievet ikollu, tant illi l-karozza tinsaq sal-ghassa tal-pulizija tal-Qawra. Illi l-imputat ma jaghtix ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri u lanqas ma iressaq xhieda in sostenn ta' dak kollu li jallega, ghalkemm fl-istqarrija tieghu jindika lill-Spettur Cuschieri illi fil-Qorti ser itella' hafna nies bhala xhieda ta' dak li jistqarr fl-istqarrijiet tieghu li del resto lanqas jaghmlu wisq sens. Dana qed jinghad ghaliex ghalkemm ghall-ewwel huwa isostni illi kien fis-sakra u kien rieqed fuq ir-ramel u ma jafx x'gara, madanakollu imbaghad ighid illi jista ikun illi kien fil-karozza meta sehhet il-kollizzjoni, izda mhux hu kien qed isuq u lanqas jiftakar x'gara, meta Bartolo isostni illi huwa nizel mil-karozza u kellmu.

Illi fis-sottomissjonijiet taghha id-difiza targumenta illi l-imputat mar l-ghassa tal-Qawra sabiex jirraporta dwar fatti li kienu sehhew u mhux sabiex jiddenunzja reat. Illi bid-dovut rispett lejn l-abbli difensur ta'l-imputat, il-Qorti ma tistax taqbel ma' dina is-sottomissjoni. Illi mix-xhieda tas-surgent 935 Patrick Cassar li ha ir-rapport u mill-

okkorenza esbita minnu fl-atti[4], ma hemmx dubbju illi l-imputat iddenunzja reat meta ighid:

**"meta l-imputat kien qed jirraportali s-serq tal-vettura, huwa qal illi kien telgha l-gharmier u pparkja l-karozza tieghu hemmhekk, imbaghad meta mar lura dina l-vettura ma sabhix. Niftakar illi meta ghamel ir-rapport, Melvin Magro beda jinsisti mieghi li min seraqhielu, seraqhielu permezz ta' cavetta u qal li probabbilment minghand min xtara dian il-vettura kellu kopja ta' din ic-cavetta. Hu baqa' jinsisti mieghi li fil-fatt il-karozza kien hallieha imsakkra."**

Illi minn dana kollu ma hemmx dubbju x'kienet l-intenzjoni ta'l-imputat. L-intenzjoni tieghu kienet li jirraporta li sehh xi haga kompletament differenti minn dak li fil-fatt kien sehh u dana sabiex jahbi il-fatt illi huwa kien habat bil-karozza ta' missieru. Fil-fatt hekk kif sehhet il-kollizzjoni huwa harab minn fuq il-post. Illi mill-fattispecje ta' dana il-kaz jikonkorru ghalhekk l-elementi legali kollha rikjesti ghas-sejbien ta'htija ghar-reat tal-falza denunzja. L-imputat jiarraporta reat li jaf ben tajjeb li ma sehhx, minghajr ma jindika lill-pulizija xi persuna partikolari u dana sabiex jevita li jinqabad u jinsab responsabbli ghal kollizzjoni li kienet ghada kemm sehhet. B'xorti hazina ghall-imputat fil-mument li kien qed jaghmel ir-rapport gewwa l-ghassa kien hemm Joseph Bartolo ukoll, illi hekk kif rah mal-ewwel gharfu u indikah lill-pulizija u ghalhekk l-istorja li kien qieghed jibni ikkrollat minnufih!

Illi ghar-rigward tat-tieni akkuza, kif diga gie sottolinjat iktar 'il fuq ma hemmx dubbju illi l-imputat kien involut f'dina il-kollizzjoni, kollizzjoni li sehhet unikament tort tieghu u dana meta huwa saq minghajr kont u b'manjiera perikoluza fi triq piuttost traffikuza, kif jixhed Bartolo stess. Dana meta huwa ghamel manuvra ta' sorpass, mar fuq in-naha l-ohra tat-triq, imbaghad habat f'bankina, ipprova jaqla' il-vettura minn mal-bankina fejn kienet wehlet minghajr ma zamm proper lookout sabiex spicca habat fix-xarabank misjuqa minn Bartolo. B'xorti tajba dina il-

[4] Ara xhieda a fol.27 et seq. u okkorenza a fol. 32 et.seq. Dok PC

kollizzjoni ma kellhiex konsegwenzi iktar gravi. Illi huwa fatt li gie ippruvat ukoll illi l-imputat x'aktarx kien xorob xi alcohol u ghalhekk ma kellux il-kontroll shih tal-vettura li kien qieghed isuq. L-imputat stess jammetti li kien mar ghax-xalata l-Gharmier u kien xorob xi ftit mhux hazin. Anke is-surgent Cassar li ha ir-rapport minn ghand l-imputat ighid li xamm riha ta' alcohol fuqu u ighid li ma kienx jidher f'sikktu ghalkemm kien jidher konvint minn dak li kien qed ighidlu.[5]

Illi ghalhekk anke l-ahhar zewg akkuzi jirrizultaw ippruvati. Illi dwar il-hsara ikkagjonata fix-xarabank ghandu jinghad illi mix-xhieda ta' Grezzju Borg jirrizulta illi sabiex tissewwa il-hsara fix-xarabank hemm spiza ta' €485, liema ammont ma giex ikkontestat mid-difiza.[6]

Illi finalment il-Qorti tosserva illi l-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq provi dwar ir-recidiva. L-ebda sentenza ta' Qorti ma giet esebita u l-fedina penali wahedha ma hijiex bizzejjed sabiex dina l-Qorti tiddikjara illi l-imputat huwa recidiv skond il-ligi.

Illi meta il-Qorti tigi sabiex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, ma tistax tinjora l-fedina penali ta'l-imputat minn fejn jirrizulta illi huwa diga gie misjub hati fuq akkuzi relatati mas-sewqan ta' vetturi. Madanakollu il-fedina penali tieghu mhijiex xi wahda allarmanti u ghalhekk il-Qorti tqies illi f'dana il-kaz piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 110(2), 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, isisb lill-imputat hati ta'l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija, li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal_Kapitolu 9 tal_Ligijiet ta' Malta dana il-

[5] Ara xhieda Surgent Cassar a fol.29
[6] Ara xhieda Grezzju Borg a fols.24 u 46

perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena il-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-periodu operattiv ta’ dina is-sentenza.

Il-Qorti qieghda ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-hati ghal zmien tlett xhur mil-lum.

Finalment il-Qorti b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda tordna lill-hati ihallas lil Grezzju Borg is-somma ta’ €485 (erba’ mija u hamsa u tmenin ewro) u dana fi zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------